# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 5**

**Avviz numru 1350/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Matthew u Jane konjugi Mallia u b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2001 Mario Borg gie kjamat in kawza u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2002 Joseph Borg kjamat in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u disgha u sittin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (LM469.94,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 311630 (skond kif jirrizulta mill-istatement Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond "Jack's Salon", Triq Birkirkara, San Giljan u dan skond ma kif jidher mill-kopja ta' ftehim immarkata Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Awissu, 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew inguti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-kjamat in kawza Joseph Borg iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-kjamat in kawza Joseph Borg naqas u ma deherx, la fit-2 ta' Mejju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra il-kjamat in kawza Joseph Borg.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**